MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2004

Citazzjoni Numru. 684/2000/1

**HSBC Bank Malta plc**

**vs**

**1. Joseph Attard**
**2. 2. Mario Attard**
**3. Maria Attard**
**4. Mark Rizzo**
**5. Doreen Rizzo mart Mark**
**6. Radio and T.V. Centre co Limited ghal kull interess li jsita' jkollha**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta' attrici ppremettiet:

Illi in forza ta' sentenza tal-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili moghtija fil-15 ta' Dicembru, 1992 fil-kawza fl-ismijiet "Mid-Med Bank Limited vs Joseph Attard" (Citaz Nru.

1026/90JF), il-Bank attur gie kanonizzat kreditur tal-konvenuti Joseph Attard personalment u s-socjeta' Radio and T.V. Centre Co. Ltd. fis-somma ta' erbgha u erbghin elf, mija u wiehed u tmenin lira Maltin u disgha u sebghin centezmu u disa' millezmi (Lm44,181.79.9) b'imghax ta' tmienja fil-mija fuq l-imsemmija somma kalkolat bis-sistema ta' interessi semplici mit-22 ta' Marzu 1990 sad-data tal-hlas effettiv (Dok. 'A');

Illi l-konvenuti naqsu milli jhallsu lill-bank attur l-imsemmija somma oltre l-imghax u spejjez legali sabiex b'hekk il-kreditu tal-bank attur baqa' ma giex sodisfatt;

Illi fost il-proprjeta' immobbli tal-konvenuti hemm il-fond bla numru u bl-isem "St. John" f' Sunflower Street gja' New Street, Fgura, konfinanti mill- Punent ma' Sunflower Street, min-Nofsinhar ma' proprjeta ta' Joseph Baker jew aventi kawzi tieghu, u mit-Tramuntana ma' proprjeta' ta' Bobby Benson jew aventi kawza tieghu, kif soggett ghac-cens annwu u perpetwu ta' wiehed u tletin lira Maltija (Lm31);

Illi konsegwentement il-bank attur talab lill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili joghgobha tordna l-bejgh in subasta tal-imsemmi fond u tiffissa jum, hin u lok ghall-bejgh in subasta tal-proprjeta' immobbli fuq deskritta sabiex il-kreditu tal-bank attur ikun jista' jigi sodisfatt (vide Dok. 'B');

Illi b'digriet moghti fis-6 ta' Frar, 1996 (vide Dok. 'C'), l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili laqghet din it-talba u nnominat lill-A.I.C. David Pace ghall-fini tad-deskrizzjoni u stima;

Illi l-imsemmi A.I.C. David Pace ipprezenta r-rapport tieghu fid-29 ta' Marzu, 1996 (ara Dok. 'D');

Illi permezz ta' offerta 'animo compensandi' moghtija fil-bejgh bl-irkant mizmum taht l-Awtorita tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-14 t' April, 1997 il-fond 'de quo' gie liberat a favur tas-socjeta' attrici bil-prezz t'ghaxart elef lira Maltija (Lm10,000) (vide Dok. 'E');

Illi l-konvenut Joseph Attard flimkien ma' uliedu l-konvenuti Mario Attard u Marija Attard baqghu jokkupaw il-fond 'de quo' b'tentattiv illegali u abbuziv intiz sabiex il-bank attur jigi impedut milli jiehu pussess tal-fond 'de quo' skond il-ligi;

Illi oltre dan permezz ta' skrittura datata 27 ta' Gunju, 1991 (vide Dok. 'F') il-konvenut Joseph Attard kera l-fond in kwistjoni lill-konvenut l-iehor Mark Rizzo, li jigi r-ragel tal-konvenuta l-ohra, Doreen Rizzo, li tigi bint il-konvenut Joseph Attard, u dan ukoll b'tentattiv illegali u abbuziv intiz sabiex jimpedixxu lill-bank attur milli jiehu pussess tal-imsemmi fond skond il-ligi;

Illi l-imsemmija skrittura ta' lokazzjoni giet simulata unikament ghall iskop proprju sabiex il-bank attur jigi impedut milli jiehu pussess tal-fond 'de quo' skond il-ligi;

Illi fir-realta' l-konvenuti Mark u Doreen, konjugi Rizzo ma jirrisjedux fil-fond 'de quo' izda f'fond iehor altrove mikri lilhom mill-Gvern;

Illi l-bank attur huwa informat illi l-fond 'de quo' gie diviz f'zewg ambjenti separati, u cioe' s-sular t'isfel ossija 'ground floor maisonette' li qed jigi okkupat mill-konvenuti Mario u Marija, ahwa Attard u s-sular ta' fuq ossija 'first floor maisonette' li qed jigi okkupat mill-konvenut l-iehor Joseph Attard;

Illi b'konsegwenza ta' dan l-agir da parti tal-konvenuti l-bank attur qed ibati danni li ghalihom huma unikament responsabbli l-konvenuti, huma jew min minnhom;

Illi l-konvenuti, huma jew min minnhom, qeghdin juzaw il-fond 'de quo' minghajr ebda dritt jew titolu;

Illi skond zewg (2) stimi maghmula mill-Perit Naudi fl-10 t' Awissu, 1999 (vide Doks. 'G' u 'H' rispettivament), il-'ground floor maisonette' ghandu valur lokatizju ta' disa' mitt lira Maltija (Lm900) fis-sena filwaqt li l-'first floor

maisonette' ghandu valur lokatizju ta' elf, mitejn u hamsin lira Maltija (Lm1,250) fis-sena;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti m'ghandhiex:-

(1) tiddikjara illi l-konvenuti, huma jew minnhom qed jokkupaw il-fond ossija l-fond 'ground floor maisonette' u 'first floor maisonette' bl-isem 'St. John', Sunflower Street, Fgura minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

(2) tikkundanna lill-konvenuti, huma jew minnhom, sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss jizgombraw mill-imsemmi fond ossija fondi u jirrilaxxaw il-pussess vakant tal-istess a favur tal-bank attur;

(3) tiddikjara illi l-iskrittura ta' lokazzjoni datata 27 ta' Gunju, 1991 iffirmata bejn il-konvenut Joseph Attard u l-konvenut l-iehor Mark Rizzo hija simulata;

(4) tiddikjara illi konsegwentement l-imsemmija skrittura ta' lokazzjoni datata 27 ta' Gunju, 1991 iffirmata bejn il-konvenut Joseph Attard u l-konvenut l-iehor Mark Rizzo hija nulla u bla ebda effett;
(5) tiddikjara lill-konvenut, huma jew min minnhom, unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-bank attur minhabba d-detenzjoni illegali u abbuziva tal-fond ossija fondi 'de quo' da parti tal-istess konvenuti;

(6) tillikwida dawn id-danni b'rata 'per diem' okkorrendo bl-opra ta' perit nominandi; u

(7) tikkundanna lill-konvenuti, huma jew min minnhom biex ihallsu lill-bank attur id-danni hekk likwidati 'per diem' sad-data tal-effettiv rilaxx jew zgumbrament;

Bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjez kollha, inkluz dawk tar-rapporti tal-Perit R. Naudi tal-10 t'Awissu, 1999 fuq imsemmija kontra l-konvenuti li gew ukoll ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Attard u tas-socjeta konvenuta Radio and T.V. Centre Co. Limited;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Joseph Attard u tas-socjeta konvenuta Radio and T.V. Centre Co. Limited debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhieda prodotti mill-bank attur inkluz lill-konvenuti Joseph Attard u Mark Rizzo;

Semghet ix-xhud prodott minn uhud mill-konvenuti;

Rat in-nota tal-konvenuti kollha tal-21 ta’ Gunju 2004 li biha huma ammettew it-talbiet kollha tal-bank attur;

Rat ukoll il-verbal tas-seduta tal-21 ta’ Gunju 2004 minn fejn jirrizulta li l-konvenut Joseph Attard ikkonferma li l-konvenuti kollha kienu qed qed jammettu it-talbiet kollha kif dedotti kontra taghhom;

Rat l-istess verbal tas-seduta tal-21 ta’ Gunju 2004;

Ikkonsidrat :

Fuq l-ammissjoni tal-konvenuti t-talbiet kollha tal-bank attur jimmeritaw li jigu akkolti;

Ghaklhekk tiddeciedi billi tilqa t-talbiet kollha attrici u (1) tiddikjara illi l-konvenuti qed jokkupaw il-fond ossija l-fond ‘ground floor maisonette’ u ‘first floor maisonette’ bl-isem ‘St. John’, Sunflower Street, Fgura minghajr ebda titolu validu fil-ligi; (2) tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi zmien xahar millum jizgombraw mill-imsemmi fond ossija fondi u jirrilaxxaw il-pussess vakant tal-istess a favur tal-bank attur; (3) tiddikjara illi l-iskrittura ta’ lokazzjoni datata 27 ta’ Gunju, 1991 iffirmata bejn il-konvenut Joseph Attard u l-

konvenut l-iehor Mark Rizzo hija simulata; (4) tiddikjara illi konsegwentement l-imsemmija skrittura ta' lokazzjoni datata 27 ta' Gunju, 1991 hija nulla u bla ebda effett; (5) tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-bank attur minhabba d-detenzjoni illegali u abbuziva tal-fond ossija fondi 'de quo'; (6) tillikwida dawn id-danni a bazi ta' valur lokatizzju tal-fond fl-intier tieghu, liema valur qed jigi kakolat "arbitrio boni viri" fis-somma ta' disa mitt liri maltin (Lm900) fis-sena u dana mill-14 ta' April 1997 cioe' minn meta l-fond in kwestjoni gie liberat a favur tal-bank attur sad-data ta' din is-sentenza u ghalhekk fis-somma komplessiva ta' sitt elef u sitt mitt liri maltin (Lm6600); u (7) tikkundanna lill-konvenuti, biex ihallsu lill-bank attur l-imsemmija somma ta' Lm6600 in linea ta' danni salv danni ulterjuri li jistghu jkunu dovuti sad-data tal-effettiv rilaxx jew zgumbrament u bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal effettiv pagament;

Spejjez kollha jithallsu mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------